# Il-Qaddis Ġużeppi

*Raġel ġust jismu Ġużeppi,*
*Għażel Alla, il-Missier;*
*Sabiex jieħu ħsieb lil ibnu,*
*Jaqdi dmiru ta' missier.*

*Ġej min-nisel ir-Re David,*
*Kien mgħarras lil Marija;*
*Ġo Nażaret kienu jgħixu,*
*Imsejħin Sagra Familja.*

*Kellu sengħa importanti,*
*F'dak iż-żmien u anke llum;*
*Jaħdem kien ta' mastrudaxxa,*
*Jaqla' l-ħobżna ta' kuljum.*

*F'ħajtu kien t'eżempju tajjeb,*
*Rabba b'għożża lil Ġesù;*
*L-anġlu deherlu kemm-il darba,*
*U wissieh dwar dan Ġesù.*

*Riedu jħobbu w jieħu ħsiebu,*
*Għalkemm ibnu Hu ma kienx;*
*Qallu jaħrab lejn l-Eġittu,*
*Biex Erodi ma jsibux.*

*Meta dan it-tfajjel ċkejken,*
*Ġewwa t-tempju kien mitluf;*
*Kemm Ġużeppi u Marija,*
*Inkwetaw sa ma sabuh.*

*Kien il-Papa Piju Disgħa,*
*Li lill-qaddis Ġużeppi;*
*Iddikjarah bħala qaddis,*
*Tal-Knisja Universali.*

*O Ġużeppi ħares lejna,*
*B'dak il-wiċċ qaddis, devot;*
*Int ħu ħsiebna u berikna,*
*U mill-għawġ żommna 'l bogħod!*

*Cynthia Camilleri Cauchi*